# IL-BANDA OUR LADY OF CONSOLATION



**minn JOSEPH N. FARRUGIA**

Meta s-sena l-oħra ġejt mitlub nikteb xi ħaġa għal-programm tal-Festi lill-Santa Marija, biex ma niktibx fuq suġġett li seta' kiteb fuqu xi kittieb ieħor, għażilt li nikteb fuq waħda mil-isbaħ ġrajjiet ta' din l-Għaqda, u sellimt lill-sħabi l-Bandisti li daqqejna flimkien meta ġiet inawgurata l-Banda. Għall-ewwel ma kontx żgur kemm il-kitba tiegħi se tkun ta' nteress għaż-żgħażagħ, iżda wara, ħafna kienu dawk li sabuni w talbuni nikteb iżjed dwar l-Għaqda tagħna fis-snin l-imgħoddija.

Peress li l-Banda m'hijiex magħmula mill-Bandisti biss, u s-surmast huwa l-Kap li fuq taqa' r-responsabbilta tal-Banda, illum ser nikteb dwar is-surmast tal-banda.

L-ewwel Surmast tal-Banda kien Antonio Micallef (1943-1946 u 1948-1949) li ħadem u stinka ħafna biex ġiet iffurmata l-Banda tagħna w kien jagħti l-lezzjonijiet u jagħmel il-kunċerti erba darbiet fil-ġimgħa, iżda minħabba raġunijiet familjari ma setax ikompli dak li beda, jiġifieri jieħu ħsieb il-Banda.

Is-Surmast Willie Attard (1946 - 1948) kien it-tieni Surmast u dan kompla jġib il-Banda l-quddiem, speċjalment bil-mużika li kien jikteb hu għal-Banda tagħna, fosthom l-Innu "Our Lady of Consolation Band". Għal-ewwel is-Sur Attard kien jorqod il-Każin, iżda wara ma setax jibqa jagħmel hekk minħabba diffikultajiet ta' . trasport biex imur ir-Rabat, u minħabba x-xogħol li kellu ma setax ikompli jagħmel kunċerti spissi u ġejna f'pożizzjoni li ħafna mill-Bandisti naqqsu mill-entużjażmu li kellhom u l-Banda raqdet. Wara ftit il-Bandisti bdew iħossu n-nuqqas ta' kunċerti u l-bandist Carlo Calleja flimkien miegħi, kellimna l-Bandisti u bdejna nagħmlu l-Kunċerti bejnietna biex erġajna qajjimna l-Banda.

Is-Surmast Jospeh M Bilocca ġie mogħti t-tmexxija tal-Banda fis-sena 1950 u llum erbgħin sena wara għadu jmexxi l-Banda tagħna. Matul dan iż-żmien is-surmast Bilocca iddedika ħafna ħin għal-Kunċerti, tagħlim tal-Allievi u kitba ta' Mużika lill-Banda speċjalment iż-żewġ innijiet popolari - wieħed lill-Madonna taċ-Ċintura (1953) u l-ieħor lill-Santa Marija (1955), u ieħor din is-sena bl-isem "Merħba l-Festa Tagħna", kollha bil-kant. Matul dan iż-żmien, is-Surmast

Bilocca ħa ħsieb il-ħafna programmi u ta' Mużika Klassika li għamlet il-Banda, uħud minnhom b'partijiet solisti li daqqewhom il-Bandisti tal-post u li ħafna minnhom huma ex-Alievi tiegħu.

Grazzi għad-dedikazzjoni tiegħu illum il-Banda għandha tletin Bandist tal-post u tliet darbiet fil-ġimgħa s-Surmast Bilocca jagħmel aktar minn ħames siegħat kull darba jgħaddi l-lezzjonijiet lil-Bandisti w Allievi. Li kelli nsemmi x-xogħol importanti li għamel għal-Banda s-Surmast Bilocca l-anqas dan il-ktieb kollu ma jservini, aħseb u ara din il-kitba qasira tiegħi. Żewġ okkażżjonijiet li żgur huma memorabbli għas-Surmast, kienu meta aħna u l-Banda King's Own daqqejna programm f'Misraħ il-Palazz (24-6-1956) u wara l-programm is-Surmast Casapinta (tal-King's Own) ġie jagħtih il-prosit għall-Programm li esegwiet il-Banda tagħna.

Fis-sena 1957 is-Surmast Bilocca dderiġa l-Banda tal-M.B.C.A., u s-Surmast Clarence Reybould mar jifraħlu wara l-programm.

L-istima li l-Kumitat, Bandisti u Membri għandhom lejn is-Surmast Bilocca hija xhieda ta' kemm aħna napprezzaw dak kollu li għamel għal Banda u dan kollu se nuruh fl-attivitajiet li ser isiru biex ifakkru l-40 sena li ilu magħna meta lkoll flimkien b'vuċi waħda nawgurawlu AD Multos Annos.

# SERVIZZI TAL-BANDA OUR LADY OF CONSOLATION 1990

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10.2.90 | San Pawl | Il-Belt | Marċ |
| 15.4.90 | Kristu Rxoxt | Il-Belt | Marċ |
| 29.4.90 | San Publiju | Floriana | Marċ |
| 5.5.90 | Santu Wistin | Il-Belt | Marċ |
| 3.6.90 | San Ġużepp | Ħal Għaxaq | Marċ |
| 5.6.90 | San Filep | Ħaż-Żebbuġ | Marċ |
| 8.7.90 | Tal-Karmnu | Gżira | Marċ/Prog. |
| 20.7.90 | San Ġużepp | Kalkara | Marċ |
| 30.7.90 | Manifestazzjoni | Gudja | marċ |
| 2.8.90 | Salvatur | Lija | Marċ |
| 13.8.90 | Sta. Marija | Gudja | Marċ/Prog. |
| 15.8.90 | Sta. Marija | Gudja | Marċ |
| 1.9.90 | Taċ-Ċintura | Gudja | Marċ/Prog. |